**346. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTJA B'ENFITEWSI LIL 'COTTONERA PROPERTIES LIMITED' TA' BINI FL-ISLA U L-FORTI SANT'ANĠLU L-BIRGU

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu, jagħti b'enfitewsi lil 'Cottonera Properties Limited' bini fl-Isla u l-Forti magħruf bħala Forti Sant'Anġlu, l-Birgu, deskritti aħjar fl-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, biċ-ċens u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-bini fl-Isla u l-Forti magħruf bħala Forti Sant'Anġlu, il-Birgu, deskritti fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, jista' jiġi mogħti lil 'Cottonera Properties Limited' għaż-żmien, biċ-ċens u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

23.07.1981